KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**8 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 69**

**It-Tlieta 22 t'Awwissu 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsilliera |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 69.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**69.01.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia bagħat ittra sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**69.01.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud bagħtet ittra sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**69.01.03** Dwar il-Kunsillier Carlo Stivala ma waslet l-ebda komunikazzjoni mingħandu dwar is-seduta tal-lum. Is-Sindku Scott Camilleri qal li għadna qed nistennew direzzjoni min-naħa tad-Diviżjoni dwar il-pożizzjoni tal-kunsillier.

## 69.02 Approvazzjoni tal-minuti (Seduta 68)

**69.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet fuq il-minuti ta' Seduta 68.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana, u sekondat mill-Kunsillier Simon Buttigieg, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 69.03 Arising mill-minuti (Seduta 68)

**69.03.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li dwar l-item 68.01.04, marbut mal-allowance tal-Kunsillier Carlo Stivala, wara li bagħat għal kjarifika, irċivejna mingħand id-direttur ġenerali li l-onorarja tal-kunsilliera m'għandhiex x'taqsam mal-attendenza tas-seduta. Is-Sindku Scott Camilleri qal li m'hemmx għażla oħra u, b'dispjaċir, għal din il-policy ikollna noħorġu l-onorarja kif mitlub – anke lil kunsillier li ilu xhur sħaħ ma jattendi seduta tal-kunsill.

**69.03.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li dwar l-item 68.10.01, marbut ma' ħaddiem ġdid tal-RSSL, kif kien mitlub li jagħmel hu talab lil din l-entità għal ħaddiem ġdid però dawn infurmawh li m'hemmx ħaddiema fil-lista tagħhom biex jidħlu flok il-foreman.

## 69.04 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**69.04.01** *Tindif ta' rodent boxes:* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li kien hemm talba għal kwotazzjoni biex issir talba għal tindif fil-kaxxi tal-ġrieden. Din għaliha sabu li hemm fornitur wieħed biss li jagħmel dan ix-xogħol. Il-kwotazzjoni hi ta' €170 għal kull 60 kaxxa mnaddfa. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha.

**69.04.02** *Rubber road humps:* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm talba għal kwotazzjoni sabiex jinxtraw biċċiet tar-rubber road humps li hemm nieqsa f'diversi road humps li diġà huma mwaħħla. Ġiet magħżula l-irħas kwotazzjoni: dik B ta' €1,357. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha.

**69.04.03** *Laptop ġdid għall-uffiċċju:* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li biż-żieda ta' riżorsi umani għandna bżonn nixtru laptop ġdid. Ġiet magħżula l-irħas kwotazzjoni: dik B ta' €2,549. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha.

**69.04.04** *<u>Printer/photocopier għat-tieni sular:</u>* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hekk kif issa qed jintuża l-uffiċċju ta' fuq ukoll, qed jinħass il-bżonn li jinxtara printer/photocopier żgħira għal fuq. Rajna ftit li mmorru għal printer li jkun fuq bażi ta' lease, fejn aħna nħallsu kera fix-xahar u nħallsu skont kemm nipprintjaw karti. Spejjeż ta' toners u maintenance jkunu parti mill-ftehim — li jieħu ħsiebhom il-fornitur li jintgħażel. Ġiet magħżula l-irħas kwotazzjoni: dik B ta' €22 kera fix-xahar, €0.01 għal kull print black and white, u €0.14 meta l-print tkun bil-kulur. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha.

**69.04.05** *<u>Tħaffir ta' 4 toqob għal percussions fil-bandli tax-xatt:</u>* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm talba għal kwotazzjoni sabiex jitħaffru 4 toqob tondi sabiex jiġu installati l-percussions fil-bandli tal-Bajja s-Sabiħa. Ġiet magħżula l-irħas kwotazzjoni: dik A ta' €601.80. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha.

## 69.05 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**69.05.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ġibed l-attenzjoni li f'din l-iskeda hemm il-pagamenti dovuti lill-kuntrattur li ħadem fuq il-playing field tal-Bajja s-Sabiħa.

**69.05.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda tal-pagamenti.

*Petty cash:*

**69.05.03** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Simon Buttigieg, u sekondat mill-Kunsillier Alex Caruana, il-kunsilliera preżenti kollha qablu b'vot unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 69.06 Komunikazzjoni mis-Sindku

**69.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li se jagħmel talba uffiċjali lil Infrastructure Malta dwar il-problema li hemm fi Triq Birżebbuġa (bejn Triq in-Noqra u Triq G. Galizia). Hemm, fil-preżent, it-triq tinsab baxxa u qed ikun hemm ħafna problemi strutturali fid-djar ta' Triq G. Galizia. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li fit-triq imsemmija jridu jsiru xogħlijiet biex isir culvert tal-ilma. Il-Kunsillier Caruana tkellem mas-Sur Ivan Falzon — CEO ta' Infrastructure Malta, li min-naħa tiegħu diġà bagħat lill-perit u saret site visit flimkien mas-Sindku Scott Camilleri.

**69.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li mill-aħħar seduta daħlet fis-seħħ il-proċedura l-ġdida marbuta mal-avviż legali tal-karavans. S'issa tidher li qed taħdem tajjeb u l-infurzar qed jittieħed bis-serjetà. Hu żied jgħid li fil-preżent il-policy tgħid li ma jistax ikollok affarijiet li huma 'l barra mill-karavan tiegħek. Hu qed jissuġġerixxi dan anke minħabba sigurtà tat-tfal li jkun hemm fil-karavans. Sakemm dawn ma jkunux fissi jistgħu jsiru gazebo żgħira u lqugħ, dment li ma jkunux ta' detriment għall-kumplament tal-karavans l-oħra.

**69.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hu flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana attendew għal-laqgħa mal-Public Works Division. F'din il-laqgħa ġie diskuss il-bandli tan-naħa ta' Tal-Papa, fejn bħalissa qed jiġi rranġat il-boundary wall. Fil-laqgħa separata huma ltaqgħu mal-kuntrattur tal-bandli, fejn tkellmu mal-Public Works Division sabiex ituhom deskrizzjoni tal-apparat li se jkun qed jitwaħħal biex b'hekk kollox isir kif suppost.

**69.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri qal li matul din il-ġimgħa tkellem mad-Direttur Ġenerali tal-Cleansing is-Sur Ramon Deguara dwar ix-xogħlijiet marbuta mal-latrini ta' Wied il-Buni. Għalkemm qed isir xogħol tajjeb, dan qed jieħu ammont ta' żmien. Is-Sur Deguara wiegħdu li wara li l-ħaddiema jidħlu lura mill-vaganzi ta' Santa Marija, ir-ritmu tax-xogħol se jkun qed jogħla.

**69.06.05** Is-Sindku Scott Camilleri qal li huwa wkoll inkwetat dwar is-sigurtà fir-raħal tagħna. Qed ikun hemm ħafna rapporti fejn tidħol imġiba ħażina tan-nies, speċjalment fejn hemm ammont kbir ta' postijiet tal-kiri u li fl-istess blokka jkun hemm fiha ammont t'anzjani u familji jgħixu fiha. Is-sindku talab biex il-Kunsillier Simon Buttigieg jieħu ħsieb jiltaqa' mal-kuntrattur hekk kif is-supretendent qablet li jsiru l-kameras f'dawn iż-żoni.

**69.06.06** Dwar il-festa li għadna kemm iċċelebrajna, is-Sindku Scott Camilleri qal li jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li ħadmu għall-organizzazzjoni tal-festa, kemm dik esterna u kif ukoll interna. Jirringrazzja b'mod partikolari lis-segretarju eżekuttiv u lill-ħaddiema ta' ġewwa l-uffiċċju u kif ukoll dawk ta' barra, li din is-sena vera ħadmu kollox kif suppost u l-problemi kienu vera minimi fejn jidħol l-irwol tal-kunsill.

**69.06.07** Is-Sindku Scott Camilleri qal li din il-ġimgħa se jkunu qed jiġu fi tmiemhom l-aħħar ftit xogħlijiet marbuta mal-playing fields tax-xatt. Id-data tal-inawgurazzjoni se tkun nhar is-Sibt 2 ta' Settembru 2023, nhar Jum Birżebbuġa.

**69.06.08** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar korrispondenza mibgħuta mill-assistent direttur tal-Gvern Lokali dwar pagamenti tal-qbiela. Is-sindku qal li mill-2020 sal-lum il-kunsill lokali mhux qed jaċċetta flus kontanti. Dan minħabba l-fatt li l-banek tal-lokal mhux qed jaċċettaw flus kontanti għad-depożiti. Apparti minn hekk, qed ikun hemm problema oħra li rridu kull darba mmorru fil-ħwienet tal-lokal jew oħrajn sabiex dawn isarrfulna l-flus għall-bqija. Jekk immorru l-bank bil-flus dan qed iżommilna ċ-charges u apparti minn hekk kull darba jrid jinqala' membru mill-istaff biex imur jiddepożita, bir-responsabilità tal-flus fuqha. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ġibed l-attenzjoni li hemm direttiva min-naħa tad-Diviżjoni dwar dan u li obbligati nimxu magħha. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu biex nibqgħu ma naċċettawx flus kontanti.

## 69.07 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**69.07.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat daħħal mozzjoni għas-seduta tal-lum. Din hi Mozzjoni 02/2023 — Bini ta' bypass ġdida f'Birżebbuġa, ipproponuta mill-Kunsillier Alex Caruana, u sekondata mis-Sindku Scott Camilleri.

Din il-mozzjoni tittratta l-kunsill sabiex jibda proċess biex ikollna bypass fir-raħal tagħna, bħal irħula oħrajn. Dan minħabba li ma nistgħux nibqgħu fis-sitwazzjoni preżenti ta' triq waħda, li hija l-aċċess għar-raħal tagħna. Kawża t'hekk qed ikollna problemi kbar ta'

traffic management kull meta jkollna nagħlqu toroq minħabba xi xogħlijiet jew xi attività. Wara diskussjoni libera u ħsieb, il-votazzjoni kienet hekk:

*Favur: 6*
*Kontra: 0*
*Astensjonijiet: 0*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament mill-kunsilliera kollha preżenti.

**69.08 Rapport tax-xogħlijiet mill-Contracts Manager (Lulju-Awwissu 2023)**

**69.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li kif tkellem fis-seduta preċedenti l-contracts manager tal-kunsill se tibda tipprepara rapport tax-xogħlijiet u l-ħidma li tkun qed issir mis-seduta ta' qabel sas-seduta li tkun ġejja. Dan ġie preżentat lill-kunsilliera preżenti. Is-Sindku Scott Camilleri u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat faħħru l-ħidma u l-impenn li qed toffri u diġà qed naraw progress fl-operat. Minn dan ir-rapport ħareġ li qed jiġu maħruġa tliet default notices lil tliet kuntratturi differenti fuq diversi nuqqasijiet, wara li ġiet miġbuda l-attenzjoni dwarhom b'mod verbali.

**69.09 Korrispondenza**

**69.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq rapport li l-kunsill lokali rċieva mingħand l-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa rigward it-tniġġis tad-dawl fil-lokalità, fosthom fiż-żona industrijali ta' Ħal Far u l-grawnd tal-futbol fil-viċinanzi ta' Wied il-Qoton. Il-kunsill lokali qabel li nibagħtu dan ir-rapport lil ERA u lil INDIS u li se nkunu qed nappoġġjawh bis-sħiħ.

**69.09.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq korrispondenza li l-kunsill irċieva mingħand l-MTA rigward l-ammont ta' skart imħallat li kien qed ikun hemm f'Misraħ is-Summit. Mill-MTA ħarġu ittri ta' twissija lill-istabbilimenti li ma kellhomx l-affarijiet kif suppost fejn jidħol rimi ta' skart. Dawn riedu jirregolarizzaw il-pożizzjoni dwar dan l-abbuż. S'issa jidher li minn dakinhar ma daħlux rapporti simili.

**69.09.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq korrispondenza li l-kunsill lokali rċieva mingħand l-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen Birżebbuġa. L-għaqda qed titlob rimborż lura tal-fondi marbuta maċ-ċirkulari maħruġa mil-LESA u l-AKL 2023/045 dwar fondi għall-infurzar waqt l-attivitajiet fil-lokal. It-total li din l-għaqda qed titlob hu ta' €568, marbut mal-attività li saret fil-jiem tal-festa quddiem il-każin. Din l-attività, li għaliha kien hemm il-bżonn tal-assistenza tal-gwardjani lokali, ibbenefikat ukoll is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa, li hija wkoll organizzat attività separata fl-istess ġurnata u li l-ispejjeż inqasmu bejn iż-żewġ għaqdiet. Il-kunsilliera preżenti approvaw it-talba ta' rimborż.

**69.09.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq korrispondenza li l-kunsill irċieva mingħand il-Perit Carmel Cacopardo. Il-Perit Cacopardo fl-ittra tiegħu rringrazzja lill-kunsill għas-snin twal li dam iservi lill-kunsill lokali bħala contracts manager u konsulent ambjentali. Dan semma diversi kisbiet mill-kunsill tul dawn is-snin. Is-Sindku Scott Camilleri qed iressaq proposta sabiex il-Perit Cacopardo jieħu rikonoxximent għall-

ħidma u l-impenn tiegħu lejn il-lokalità f'Jum Birżebbuġa. Il-kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

**69.09.05** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq korrispondenza mibgħuta mid-diviżjoni tal-Gvern Lokali. Id-dipartiment għadu qed jistenna d-database mingħand il-kunsill dwar l-istorm water culverts. Bagħtu diversi reminders u qed jitolbu diversi materji tekniċi billi hu m'għandux din l-informazzjoni. Is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Alex Caruana saħqu li din hija xi ħaġa li se tieħu ħafna ħin u li għalissa m'għandhomx iċ-ċans jaħdmu fuqha.

## 69.10 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**69.10.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li hekk kif fil-ġimgħat li għaddew kien ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsilliera l-awtorizzazzjoni sabiex l-administrator tal-internet key tal-BOV tkun fuqu, issa ġie mitlub mill-Bank APS, li miegħu għandna kontijiet bankarji, sabiex napplikaw għall-internet key ukoll. Huwa talab l-approvazzjoni tal-kunsill sabiex l-internet key tkun fuq is-segretarju. Il-kunsilliera kollha preżenti approvaw unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, kif ukoll l-assistent prinċipal ikunu l-persuni awtorizzati li jkollhom l-aċċess għall-internet key b'mod separat sabiex isiru l-pagamenti dovuti. Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa approva din it-talba b'mod unanimu.

**69.10.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li nhar il-Ħamis 10 t'Awwissu 2023 kienet id-data tal-għeluq tal-erba' tenders li għandna miftuħa. Dawn se jkunu qed jinfetħu fil-jiem li ġejjin.

**69.10.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat irrimarka li sa tmiem din is-sena se jiskadu żewġ tenders. Hu ma jixtieqx li jkun hawn sitwazzjoni li naħdmu b'tenders magħluqa bħalma konna fil-passat u għalhekk qed jitlob lill-kunsill sabiex jibda l-proċess fl-immedjat sabiex jinħarġu dawn iż-żewġ tenders. Dawn huma: *Upkeep and Maintenance of Parks, Gardens and Soft Area within the locality of Birżebbuġa using Environmentally Friendly Practices* u *Upkeep of Public Convenience in the Locality of Birżebbuġa in an Environmentally Friendly Manner.* Il-kunsill qabel unanimament li jkun proattiv u jibda x-xogħol sabiex dawn joħorġu.

**69.10.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li wara li tkellem mas-Sindku Scott Camilleri qed jissuġġerixxi li jinħareġ tender ġdid u jkollna kuntrattur li jkun jista' jiġbor rimi ta' skart illegali f'diversi żoni, kemm urbani u kif ukoll mhux urbani flimkien ma' qtugħ ta' ħaxix mit-toroq, kemm urbani u wkoll mhux urbani. Bħal diversi lokalitajiet oħra qed insibu problema li mhux inlaħħqu ma' din il-materja. Hu qed jissuġġerixxi li dan ikun kuntrattur li jitħallas bix-xogħol li jagħmel u mhux fix-xahar, wara li jkun lesta x-xogħol u mexa mal-obbligi kollha. Il-kunsilliera kollha qablu ma' din il-proposta.

## 69.11 Accumulation of Vacation Leave from 2023 to 2024

**69.11.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsilliera preżenti l-ammont ta' vacation leave li hu jixtieq li jġedded għas-sena 2024. L-ammont ta' sigħat imġedda huwa ta' 69 siegħa. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu b'mod unanimu u approvaw din it-talba.

## 69.12 Ingaġġ ta' foreman full-time

**69.12.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat informa lill-kunsilliera preżenti li hekk kif maqbul fl-aħħar seduta (68) hu talab lill-kumpanija RSSL sabiex jibagħtulna ħaddiem ġdid fil-grad ta' foreman wara li l-foreman preżenti se jkun qed jirtira. Hu ġie infurmat mill-istess entità li bħalissa m'għandhomx persuni sabiex jieħdu post il-foreman. Is-Sindku Scott Camilleri qal li issa m'hemmx għażla oħra ħlief li mmorru għall-ingaġġ ta' foreman mal-kunsill u li jkun imħallas dirett mill-istess kunsill fi skala 12. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu li tinħareġ din is-sejħa għal dan l-impjieg.

## 69.13 Jum Birżebbuġa

**69.13.01** Is-Sindku Scott Camilleri qed iressaq proposta li sabiex il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa jfakkar il-memorja tal-mibki l-Kunsillier Joe Baldacchino, li serva fil-kunsill għal tletin sena sħaħ, jagħmel rikonoxximent li jkun ad unur tiegħu. Dan l-unur se jkun abbinat ma' rikonoxximent li tant kellu għal qalbu — il-volontarjat. Ir-rikonoxximent se jkun jismu 'The Joe Baldacchino Lifetime Achievement Award'. Dan se jkun qed jingħata lil persuni li matul ħajjithom ikunu ħadmu qatigħ fil-volontarjat. L-award, li se jkun shield, se jinżamm għal sena mir-rebbieħ u ismu jkun miktub fuq din ix-shield. Ir-rebbieħ jingħata memento li tibqa' għandu. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet sabiex ma' din l-award tingħata replika żgħira lir-rebbieħ, u oħra lill-mara tal-Eks Kunsillier Joe Baldacchino.

**69.13.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qara r-rapport tal-bord tal-għażla dwar in-nominazzjonijiet għal Jum Birżebbuġa. Il-bord li ltaqa' nhar it-Tnejn 21 t'Awwissu, fejn kien hemm preżenti s-Sinjura Lorraine Cunningham, is-Sinjura Astrid Pell u s-Sur Joe Debattista.

*Hawnhekk il-membri tal-kunsill ġew irrisolvew ruħhom f'kumitat sabiex jiġu diskussi l-persuni nominati għal rikonoxximent u Ġieħ Birżebbuġa wara li ġew evalwati mill-bord tal-għażla.*

**69.13.03** Il-lista finali ta' kif se jkunu qed jingħataw dawn ir-rikonoxximenti se tkun qed tiġi moqrija fis-seduta li jmiss.

**69.13.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħalissa t-tim tal-amministrazzjoni għaddej bil-proċess tal-ġbir ta' kwotazzjonijiet għal Jum Birżebbuġa u kif ukoll xogħol ieħor ta' loġistika ma' dan il-jum.

## 69.14 Multi-storey car park – Draft operating agreement

*Hawnhekk daħal is-Sur Adrian Mifsud li qed jieħu ħsieb ifassal dan il-ftehim sabiex jintervjeni.*

**69.14.01** Il-konsulent Adrian Mifsud ta spjegazzjoni ħafifa tal-proċess ta' kif qed isir dan il-ftehim dwar l-operat u kif se jkun qed jitmexxa l-car park tal-Freeport. F'seduta oħra se jkun qed jagħti iżjed dettalji dwar dan il-ftehim.

## 69.15 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

**69.15.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsillier Alex Caruana fuq il-kaxxi tal-parkeġġ ġewwa Triq il-Brolli. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li hu mar u ħa l-qisien, fejn jekk din il-kaxxa tal-parkeġġ imsemmija titneħħa se jaġevola 3 garaxxijiet. Hu sab parti oħra fejn jistgħu jiddaħħlu 3 parkeġġi oħra. Hu qed jara wkoll il-possibilità ta' toroq oħra li huma one-way u li fihom jistgħu jiżdiedu l-parkeġġi man-naħa l-oħra. Wara dan kollu, il-Kunsillier Alex Caruana tkellem ma' Transport Malta fejn talbuh sabiex nibagħtu l-qisien flimkien mar-ritratti tal-partijiet imsemmija, sabiex tkun l-istess entità li tagħtina istruzzjonijiet ta' kif dawn jiġu implimentati.

**69.15.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsillier Alex Caruana jekk fuq il-parkeġġi tal-muturi hux possibbli li tipparkja vettura normali. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li sakemm ma jkunx hemm tabella li tindika li dak hu parkeġġ tal-muturi, allura jekk sid ta' vettura normali jipparkja hemm ma jistax jiġi mħarrek.

**69.15.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsillier Alex Caruana dwar il-parkeġġ komunali li hemm ġewwa Triq San Pietru. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li se jipprova jaħdem fuq din il-biċċa kemm jista' jkun malajr.

**69.15.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsillier Alex Caruana dwar ix-xogħlijiet li saru fi Triq Birżebbuġa (kif tispiċċa Triq Għar Dalam), jekk hux se jsiru l-gradilji li kien hemm fil-passat sabiex jiġbru l-ilma tax-xita. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li x-xogħol għadu mhux lest iżda dawn se jkunu qed isiru mill-ġdid meta jitkompla x-xogħol.

**69.15.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsillier Alex Caruana dwar in-nuqqas ta' bankini fi Triq Ferdinand Stuflesser II. Hi ġiet infurmata li fil-jiem li għaddew waqgħet mara għax fil-preżent m'hemmx bankina. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li l-bankina se tkun qed issir iktar 'il quddiem.

**69.15.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet meta se jkunu qed jitranġaw il-hand rails tan-naħa tal-Qajjenza. Dawn ma jinsabux fi stat sigur u qed jitbandlu, għalhekk huma ta' periklu għal min jagħmel użu minnhom. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li se jitkellem ma' min hu inkarigat minn dawn it-tiswijiet.

**69.15.07** Il-Kunsillier Johann Borg tkellem dwar il-ħsarat tal-bankina li saret fix-xhur li għaddew minn Infrastructure Malta fi Triq 22 ta' Frar. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li hu bagħat diversi emails lill-uffiċjal li kien inkarigat minn din it-triq, però m'hemm l-ebda konferma. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li hu min-naħa tiegħu tkellem mal-Kap Eżekuttiv ta' Infrastructure Malta is-Sur Ivan Falzon madwar tliet ġimgħat ilu dwar din il-materja u reġa' prova jagħmel kuntatt miegħu fil-jiem li għaddew, imma qed jassumi li kien bil-leave għaliex ma kellu ebda tweġiba.

**69.15.08** Il-Kunsillier Johann Borg staqsa dwar id-double yellow lines ġewwa Triq San Pawl u li kellha tintbagħat ittra mill-uffiċċju. Is-Sindku Scott Camilleri qallu li din se tkun qed tintbagħat fil-futur. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li l-aħjar hu li nieħdu l-qisien flimkien ma' ritratti tal-post lil Transport Malta sabiex ikollna direzzjoni iżjed ċara.

**69.15.09** Il-Kunsillier Johann Borg staqsa dwar meta se jsiru r-road markings fil-parti l-ġdida ta' Triq San Pietru. Il-Kunsillier Alex Caruana qallu li dawn dalwaqt se jsiru.

**69.15.10** Il-Kunsillier Johann Borg talab għal feedback dwar il-pelican crossing ta' Triq San Ġorġ. Għalissa għadna qed nistennew il-permess ta' Transport Malta.

**69.15.11** Il-Kunsillier Johann Borg qal li hemm resident li ilu li applika għal disabled parking bay fi Triq Tal-Papa erba' xhur sħaħ u għadu ma rċieva xejn. Is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Alex Caruana ma jiftakrux li kien hemm applikazzjoni f'din it-triq.

**69.15.12** Il-Kunsillier Alex Caruana informa lill-Viċi Sindku Josette Busuttil li l-ħajt perikoluż li hemm fi Triq Tal-Papa tranġa mis-sid.

**69.15.13** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li daħlet talba għal diversi road humps fi Triq Santa Katarina, Triq Santa Marija u Triq it-Tankijiet. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li hemm diversi materji li jkunu jridu jiġu kkunsidrati, fosthom il-one-ways. Dwar Triq il-Fortizza l-Kunsillier Alex Caruana qal li diġà għadda l-affari lill-perit u din qed tieħu ħsieb min-naħa tagħha.

**69.15.14** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li daħlet talba sabiex issir a/lighting parking bay ġewwa Triq San Filippu, quddiem il-boutique hotel. Is-Sindku Scott Camilleri qal li hemmhekk hemm materji pendenti li ilhom diversi snin, minn ħwienet fl-istess triq, li applikaw għal un/loading u qatt ma kien hemm direzzjoni dwarhom. Hu jrid li l-ewwel tiġi solvuta din, imbagħad nikkunsidraw dwar it-talba.

**69.15.15** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li dalgħodu kellu laqgħa mas-sezzjoni marittima fi ħdan Infrastructure Malta sabiex jitkellem dwar l-islipway ta' ħdejn is-sailing club. F'din il-parti hemm problema li jidħol ir-ramel u jkollhom jiġu jħammluha kull darba. Issa hemm il-ħsieb li ssir berm biex ma tħallix ir-ramel jibqa' dieħel. Hu maħsub li din issir bil-blokki kbar tal-ġebel. Huma ma sabux oġġezzjoni li ssir bil-konkos ukoll u mhux bil-ġebel biss. S'issa jidher li l-permess miexi imma Infrastructure Malta trid tara ftit il-budget għax jidher li l-ispiża hi għolja ferm.

**69.15.15** Il-Kunsillier Alex Caruana spjega dwar il-proposta tal-bini tal-islipway tal-Qajjenza. Il-periti ta' Infrastructure Malta tkellmu dwar il-viżjoni tagħhom fuq l-islipway u li jkabbru r-ramla. Is-Sindku Scott Camilleri qal li din se toħroġ sa nofs il-promenade, u l-aħjar issir laqgħa mar-residenti tal-Qajjenza biex nieħdu feedback mingħandhom ukoll.

## 69.16 Proġetti u skemi

**69.16.01** Xejn.

## 69.17 Saħħa, indafa u ambjent

**69.17.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar il-progress tal-berġa tas-saħħa. Is-Sindku Scott Camilleri qal li bħalissa l-perit qed jaħdem sabiex jagħmel change of use tal-bini peress li dan qabel kien ħanut u mhux berġa tas-saħħa. Qed jinħadem engineering report li għandu jieħu madwar xahar u nofs ieħor.

**69.17.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li f'wied, fi Triq Tal-Ġebel, hemm ħafna ħmieġ u skart ieħor. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li dan m'ilux ħafna li tnaddaf. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Viċi Sindku Josette Busuttil sabiex iġġib xi ritratti tal-ħmieġ u l-iskart li hemm.

**69.17.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet jekk il-ġnien li hemm San Ġorġ hux qed jiġi mnaddaf mill-kuntrattur. Is-Sindku Scott Camilleri qal li dan suppost irid jiġi mnaddaf u miżmum mill-kuntrattur tal-ġonna b'mod regolari. Il-contracts manager qed taħdem sabiex dawn in-nuqqasijiet jiġu solvuti.

**69.17.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet jekk hux possibbli li nibdew nużaw is-servizzi tal-LESA biex naqbdu lil min jarmi illegalment, u mhux skont l-iskeda, sabiex innaqqsu l-ammont ta' skart illegali. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-ewwel irridu nidentifikaw il-postijiet fejn qed jiġru dawn l-illegalitajiet biex imbagħad nieħdu stima mingħand il-LESA.

**69.17.05** Il-Kunsillier Johann Borg qal li hu tkellem ma' persuni li jagħmlu taħditiet u seminars dwar is-saħħa mentali. Qed jissuġġerixxi li dawn il-persuni jagħmlu taħditiet dwar kif għandek tiddefendi ruħek meta jkun hemm persuna diffiċli. Hu kien ukoll f'taħditiet mal-pulizija tal-komunità sabiex jattendu għal dawn il-korsijiet.

**69.17.06** Il-Kunsillier Johann Borg qal li fi Triq Dun Ġorġ Zammit hemm bżonn il-kaxxi tal-ġrieden għax hemm ħafna ġrieden. Il-Kunsillier Alex Caruana rrisponda illi hemm kellu jsir trattament speċjali min-naħa tal-Cleansing & Maintenance Division fuq plot vojt, li għadu barriera.

**69.17.07** Il-Kunsillier Johann Borg qal li s-siġar ta' Triq Żarenu Dalli għandhom bżonn jiġu ttrattati għax hemm minnhom morda. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-aħjar inkellmu lill-handyman tal-kunsill.

## 69.18 Attivitajiet kultura, żgħażagħ u sport

**69.18.01** Il-Kunsilliera Doriana Portelli semmiet li rċivejna proposta hekk kif is-sena li għaddiet saret għall-ewwel darba l-Urban Sports Festival. F'din il-proposta wrew ix-xewqa li din is-sena jridu jerġgħu jagħmluha. Talbu diversi għajnuniet mill-kunsill, li b'kollox dawn ilaħħqu mal-€1,500. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li jekk se nipparteċipaw fiha, il-kunsill irid ikun parti mill-organizzazzjoni tagħha u mhux sponsor. Wara diskussjoni libera, il-kunsill qabel li jkun parti minnha u jieħu ħsieb diversi materji u jsir koordinament mal-MSSA. Il-kunsill qabel ukoll li l-insurance tkun fuq il-parti l-oħra — min qed jorganizza.

## 69.19 Affarijiet oħra

**69.19.01** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-bus shelters u li għadu qatt ma sar xejn dwarhom. Dawn ilhom ammont kbir ta' snin jistennew biex jiġu rranġati u jsiru bus shelters ġodda fejn qatt ma kien hemm. Il-Kunsillier Johann Borg qal li fil-15 ta' Settembru li ġej hemm laqgħa dwar dawn il-bus shelters u li se jkun qed jattendi għaliha. Miegħu se jattendi wkoll il-Kunsillier Simon Buttigieg.

**69.19.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil fakkret li Jum Birżebbuġa 2023 se jkun qed isir bejn it-2 u t-3 ta' Settembru. Il-preżentaturi se jkunu s-Sinjura Lorraine Cunningham u s-Sinjura Astrid Pell. L-iskript se jieħdu ħsiebu huma wkoll. Din tal-aħħar qed tagħmel dan ix-xogħol kollu mingħajr ħlas. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qed tipproponi li jingħata xi rikonoxximent ta' radd il-ħajr bħala apprezzament li qed tagħmel ħafna xogħol mingħajr ħlas. Il-kunsill qabel li jsir voucher t'apprezzament.

## 69.20 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**69.20.01** Is-seduta tal-kunsill intemmet fit-20:15 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 26 ta' Settembru 2023, fil-17:00.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 26 ta' Settembru 2023.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |